**IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti)**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**-vs-**

**Istvan KOVACS, imwieled Vac, l-Ungerija fl-20 ta' Novembru, 1980, detentur tal-karta tal-Identità Ungeriża numru 095995SA**

Illum 26 ta' Settembru, 2023

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Istvan KOVACS, imwieled Vac, l-Ungerija fl-20 ta' Novembru, 1980, detentur tal-karta tal-Identità Ungeriża numru 095995SA,** aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-estradant';

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* datat l-24 ta' Marzu2023,[1] il-Forms A datati s-26 ta' Mejju, 2022[2] u t-24 ta' Marzu, 2022,[3] kif ukoll il-ħruġ tal-Mandati t'Arrest Ewropej datati t-18 ta' Mejju, 2022,[4] u 12 ta' Frar 2019,[5] maħruġin rispettivament mill-Buda Environs Regional Court, Budapest 16 u mill-Budapest-Capital Regional Court, Penal Enforcement Section, fl-Ungerija, pajjiż skedat a tenur tar-Regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Liġi Sussidjarja 276.05 (Avviż Legali 320 ta' l-2004), aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-Ordni';

---

[1] **Dok.RS** a fol.8-9
[2] **Dok.RS1** a fol.10-11
[3] **Dok.RS2** a fol.25-26
[4] Fol.16 et seq
[5] Fol.27 et seq

Wara li rat iċ-ċertifikati tal-Avukat Ġenerali datati t-8 ta' Awissu, 2023 ai termini tar-Regolament 7 tal-Ordni;[6]

Wara li rat il-verbali ta' din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, tat-2 ta' Settembru 2023,[7] u tal-11 ta' Settembru, 2023;[8]

Illi tnejn huma l-Mandati t'Arrest Ewropej maħruġa fil-konfront tal-estradant-

A. Illi permezz tal-Mandat t'Arrest Ewropew maħruġ nhar **it-18 ta' Mejju, 2022**[9], t-treġġija tal-estradant qed tintalab għal fini ta' prosekuzzjoni għar-reat skedat ta' traffikar f'narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, liema reat igorr piena ta' aktar minn tlett snin priġunerija, ċioè dik bejn ħames (5) snin u għoxrin (20) sena, u għalhekk m'hemmx dubbju li hu reat estradibbli kif kontemplat bir-Regolament 59(2) tal-Ordni. Għal kull buon fini jingħad ukoll li r-reat hu estradibbli wkoll ai termini tar-Regolament 59(3) tal-Ordni tenut kont li ġie sodisfatt ukoll ir-rekwiżit tad-double criminality peress li reat simili jezisti taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ma tqajmu l-ebda *bars to extradition* kif kontemplat bir-Regolament 13 tal-Ordni.

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' t-talba għat-treġġija tal-estradand fuq l-imsemmi Mandat t'Arrest Ewropew.

B. Illi permezz tal-Mandat t'Arrest Ewropew maħruġ nhar it-**12 ta' Frar 2019**,[10] l-estradant qed jiġi mfittex ġewwa l-Ungerija sabiex jiskonta piena ta' tlett snin priġunerija wara li ġie kundannat għal reati ta' serq u offiżi ħfief fuq il-persuna (*misdeameanour of public nuisance*), liema reati jġorru pieni massimi ta' bejn is-sentejn (2) u ħames (5) snin priġunerija (dwar serq) u sa sentejn (2) priġunerija rispettivament.

Ir-reat ta' serq hu punibbli ġewwa Malta kif kontemplat *inter alia* bl-artikoli 261 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali.

Dwar it-tieni reat, dak t'offiżi fuq il-persuna li għalih qed tintalab it-treġġija, ir-Regolament 60(3)(b) tal-Ordni jipprovdi:

---

[6] Fol.23-24 u 42-43
[7] Fol.4-7
[8] Fol.75
[9] Fol.16-22
[10] Fol.27-34

imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta' Malta li kieku din ġrat f'Malta.

L-imġieba tal-estradant fl-Ungerija, li għaliha nstab ħati, tiffigura taħt ir-reati kontemplati, *inter alia*, bl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali.

Imbagħad ġie sodisfatt ukoll ir-rekwiżit kontemplat bir-regolament 60(3)(c) tal-Ordni li jipprovdi li il-piena li għad tiġi esegwita fil-pajjiż rikjedent tkun ta' priġunerija jew xi forma oħra ta 'detenzjoni għal żmien erba' xhur jew b'piena akbar. F'dan il-każ l-estradant għandu jservi tlett snin priġunerija.

Għalhekk m'hemmx dubbju li r-reati li għalihom qed tintalab it-treġġija taħt it-tieni mandat, dak maħruġ fl-2019, huma reati estradibbli kif kontemplat bir-Regolament 60(3) tal-Ordni.

Ma tqajmu l-ebda *bars to extradition* kif kontemplati bir-Regolament 13 tal-Ordni. Inoltre jirriżulta li l-estradant kien preżenti meta ingħata s-sentenza fil-konfront tiegħu.[11]

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' t-talba għat-treġġija tal-estradant fuq l-imsemmi Mandat t'Arrest Ewropew ukoll.

Għaldaqstant,

Ai termini tar-Regolament 24 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviż Legali 320 ta' l-2004 (Liġi Sussidjarja 276.05),

**Tordna li l-estradat għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Ungerija, il-Pajjiż Skedat fejn inħarrġu l-Mandati t'Arrest Ewropej fuq imsemmija.**

Iżda,

Tenut kont li l-estradat preżentement jinsab fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fejn qed jiskonta sentenza ta' priġunerija fuq reat/i mhux ibbażat/i fuq l-atti li dwarhom inħarrġu l-Mandati t'Arrest Ewropej, kif tixhed is-sentenza mogħtija nhar is-27 ta' Lulju, 2023, fejn l-estradat ġie kundannat għal seba' u tletin xahar (37) priġunerija,

---

[11] Fol.28

Ai termini tar-Regolament 28A(3)(a) tal-Ordni,

**Tipposponi l-konsenja** tiegħu lejn l-Pajjiż Rikjedent sakemm l-estradat ikun skonta is-sentenza imposta fuqu bl-imsemmija sentenza tas-27 ta' Lulju, 2023.[12]

Din l-ordni għall-kustodja tal-estradat qiegħda ssir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradat lejn il-Pajjiż Rikjedent tkun soġġetta dejjem għal *"law of speciality"* ċioè in konnessjoni mar-reati addebitat lilu fil-Mandati t'Arrest Ewropew li abbażi tagħhom saru dawn il-proċeduri, u kif msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

Il-Qorti qeda, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta Malta, tinforma lill-estradat li:

(a) Mhuwiex ser jiġi mreġġa' lura lejn il-Pajjiż Rikjedent qabel ma jgħaddu sebat (7) ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) Għandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

(c) Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta Malta, ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa għandu jedd titlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ.

**MAĠISTRAT**

---

[12] Per Onor. Maġistrat Dr. Rachel Montebello